# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Diane Vella )

Vs

Joseph Buttigieg

Illum 24 ta’ Frar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta’ Joseph Buttigieg, bin Carmel u Pawla nee Mifsud imwieled fil-07/12/1955 u joqghod Binja San David, Fl4, Triq San David, Mtarfa. ID 0826555M.

Billi int akkuzat talli fl-14 ta’ Awwissu, 2022 ghall-habta ta’ 17.45 hrs fi Triq Ghajn Kajjet, Rabat Malta soqt vettura b’numru ta’ registrazzjoni JCD346.

1. B`manjiera perikoluza;
2. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, tat-traffiku nvolontarjament ikkagunajt offiza fuq

il-persuna ta’ Joanna Grech minghajr il-konsegwenzi msemmijjin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta skond kif iccertifika Dr. Greta Attard M.D. mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minhabba li tinfliggi il-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzji tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-65.18 Sitt Skeda.

Rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-kap 65 u art 226(1) (b) tal-Kap 9 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**PS 1236 J Gatt u T-Tabiba Greta Attard** xehdu permezz ta` affidavit

<u>**Nicky Attard,**</u> xehed hekk :

Avu: Mela ara is-sur Attard inti kont involut f`xi incident tata-traffiku u meta u fejn?>

Xhud: Iva kont involut f'inċident tat-traffiku jekk mhux sejjer żball fl-14 t'Awwissu 2022 għal-ħabta tal-11 kien jekk mhux sejjer zball, u gara il-Bahrija triq ghajn Kajjet.

Avu: Issa spjega naqra x'kont qed tagħmel inti u d-dinamika tal-inċident kif ġara x`kont qed issuq inti jekk kont qed issuq vettura kont qed isuqu kif ġara l-inċident?

Xhud: Kont qed insuq vettura tal-għamla Honda Civic number plate ACB 054 kont sejjer lejn id-direzzjoni Rabat.

Avu: U minn fejn ikun ġej jiġifieri?

Xhud: Mil-Baħrija u l-vettura l-oħra kienet ġejja mill-mir-Rabat direzzjoni lejn il-Baħrija u qasamli ghall tas-salib.

Avu: Meta tghid qasamli għall tas-salib l-ewwel nies spjega l-vettura l-oħra x'kienet u jekk taf xi number plate tagħha ha nibdew minn hekk?

Xhud: Hyundai Atos hamra number plate ma nafux bl-amment.

Avu: Tiftakar min kien qed jsuqha din il-vettura?

Xhud: Ta` wiehd Joseph Buttigieg.

Avu: Jekk thares fl-awla taghrfu?

Xhud: Ijja hemmekk.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Avu: Issa ghedtilna li qaghtalek it-triqsjega x`igifieri ghalaqlek it-triq, jekk bi-permess tal-Qorti nurih l-iskecc hali jindikalna?

Qorti: U hu hariglek minn x`imkien?

Xhud: Hu gej il-oppost u qasam hekk.

Qorti: Qasam biex jidhol ghat-triq?

Xhud: Ezatta.

Avu: Mela spjega spjegaw immarkata mill-karozza tiegħek hawnhekk ara bil-biro ghamel salib, u uri minn fejn l-iehor kien gej.

Qorti: Ghamel vlegga bil-biro, jiena fhimt li inti kont tieghla minn naha u qasam minn quddiemek biex jodhol dik it-triq side road?

Xhud: Mela kien hemm xi ħadd miegħek fil-karozza inti?

Xhud: Kien hemm it-tfajla tieghi Joanna Grech.

Avu: Xi hadd wegga?

Xhud: Ijja weġgħat it-tfajla tiegħi hija kisret idejha.

Avu: Xi ġrieħi li kellha tfajla?

Xhud: Kissret idejha in-naħa tax-xellug.

Avu: Fil-vettura sofrejt xi ħsara inti?

Xhud: Ijja għandi windscreen bumper, bonnet, madgard fanali.

Avu: U f`liema naħa tal-karozza kienu ta' ħsarat?

Xhud: Maġġoranza quddiem.

Avu: Mela sal-lum inti jew it-tfajla tiegħek ġejtu eżerċitati ħadtu xi ħaġa minn xi hadd?

Xhud: Xejn.

Avu: M'għandix iktar mistoqsijiet.

Avu2: Tiftakar b' liema speed kont qed isuq dak in-nhar?

Xhud: Bl-amment l-ispeed ma niftakrux.

Avu2: Ok fi triq kien hemm linja bajda kontinwa jew kienet dotted white line?

Xhud: Dotted.

Avu2: U meta u inti fil-collision hemm tiftakar liema parti tal-karozza inti?

Xhud: Fin-nofs.

Avu2: Ok imbagħad x' ġara mill-karozza tiegħu jiġifieri imbagħad bqajt fl-istess post jew imxejtu kif kif bid-daqqa?

Xhud: Mxejna flimkien fid-direzzjoni fejn sejjer hu karozza tiegħi wehhelt ma tiegħu u bqajna sejrin flimkien.

Avu2: Jekk nista nerġa' nurih jekk jogħġbok l-iskeċċ, jiġifieri il-karozza tiegħu liem hi u kif spiccat hemmekk jigifieri fej kien niezel u kif spicca hemmekk?

Xhud: Hu kien niezel hekk u ahna konnha flimkien u tkaxkarna flimkien.

Avu2: Daqsekk.

**<u>Joanna Grech,</u>** xehdet hekk:

Avu: Mela s-sinjura jekk kontx involuta f'inċident tat-traffiku u jekk iva meta kien jekk tiftakar f'dan l-inċident fejn kien u ma' min kont u, spjega d-dinamika tal-inċident?

Xhud: L-inċident ġara fil-14 ta' Awwissu 2022 jiena kont bħala passiġġiera aħna konna telgħin it-telgħa tal-Baħrija ħerġin mill-Baħrija.

Avu: Kont passiġġiera ma' min kont passiġġiera f' liema vettura kont passiġġiera?

Xhud: Ma Nicky Attard go Honda Civic.

Avu: Go Honda Civic spjega minn fejn tlaqt u fejn kont u sejrin il-postijiet?

Xhud: Aħna tlaqna mid-dar tiegħi ġewwa l-Baħrija u konna sejrin lejn ir-Rabat.

| | |
|---|---|
| Avu: | X`jisimha it-triq li kontu għaddejjin minnha x'kien ġara dan l-inċident taf? |
| Xhud: | Ma nafx x`jisimha it-triq ezatt. |
| Avu: | Tikkonferma l-iskecc? |
| Xhud: | Iva din hi it-triq. |
| Qorti: | U inti f`liema karozza kont? |
| Xhud: | Jiena go din ACB 054 kont qeghda. |
| Avu: | Tiftakar kif gara l-incident tispjega il-Qorti kif gara l-incident? |
| Xhud: | Ahna konnha telgħin u kien nieżel u filli qabad u qasam ġo fina. |
| Avu: | U hu kien nieżel ma tiftakarx kemm il-karozza l-oħra li ħabtet fikhom? |
| Xhud: | Naf li kienet karozza ħamra Hyundai. |
| Avu: | Tiftakar min kien qed isuqha din il-karozza? |

Xhud: Naf li kien wieħed raġel ta anzjan mma.

Avu: Jekk thares hawn fl-awla taghrfu?

Xhud: Qiegħed bil-qiegħda hemmhekk.

Qorti: Ix-Xhud indikat l-imputat.

Xhud: Mela f'dan l-inċident xi ħadd minnkom kien weġġgħu jekk iva min weġġgħa u x`kienu l-injuries li li sofra?

Xhud: Weġġajt jien ksirt idejja.

Avu: Liem id ksirt?

Xhud: Il-left.

Avu: M'għandix iktar mistoqsijiet jekk.

Avu2: Kontro eżami, F'liema punt rajt il-karozza l-ieħor ġej, jiġifieri?

Xhud: Aħna konna diġa telgħin it-telgħa u hu, aħna mingħalina li kien niżel isfel u qabad u qasam għal ġo fina.

Avu2: Ok jiġifieri intom kontu telgħin għax kif inhi it-triq telgha?

Xhud: Qiegħda telgha' tinżel u hawnhekk hawn side street.

Avu2: Ok xejn iktar.

**<u>Joseph Buttigieg,</u>** xehed hekk

Avu: Mela tiftakar id-data meta seħħ dan l-inċident?

Xhud: 14th lejlet Santa Marija.

Avu: U troiq tiftakar l-isem?

Xhud: Triq tas-Salib.

Avu: Mela tista' tispjegalna x' ġara dakinhar?

Xhud: Jien kont niezel minn naha tar-Rabat l-isfel umbagahd waqaft rajt nara hux gejjin karozzi u ma rajt xejn li gejjin waqaft u soqt umbaghad smajt hoss velocita qawwija u fit-telgha suppost ghandu brake ghalkemm kien gej isuq.

Avu: Jigifieri meta il-karozza l-ohra ħabat ġo fik il-karozza meta fejn kont eżatt kont għaddejt diġà id-dotted white line?

Qorti: Intom bqajtu dehlin ghall-gol imbagħad wara bid-daqqa bqajtu deħlin ġot-triq?

Xhud: Bid-daqqa li tani li tefa' li fis-siġar fil-ġenb u ħadni id-daqqa ħaddieli mill-pilastru tal-karozza lura.

Avu: Id-daqqa fejn kienet id-daqqa?

Xhud: Fuq wara.

Avu2: Kontro Ezami, Sinjur naqblu li d-daqqa qiegħda f'nofs il-karozza tiegħek?

Xhud: Le għandek ritratti jibda mill-pilastru wieħed mill-pilastru lura.

**Ikkunsidrat**

L-imputat were nuqqas ta` proper lookout menta qasam karreggjata opposta minghajr ma ha d-dovuti prekawzjonijet

Avu2: Sinjur inti kont ġej mir-Rabat qed tgħid sejjer Baħrija.

Xhud: Iva. Kont diehel lejn is-salib.

Avu2: Kieku inti ma qtajtx it-triq lil karozza l-ohra kieku ma kienetx issehh naqblu?

Xhud: Le le din orrajt jien waqaft.

Avu2: Kieku inti ma dħaltx fil-karreġġjata l-oħra ma kontux taħbtu?

Xhud: Bilfors trid taqsam.

Avu2: Xejn iktar.

**Ikkunsidrat**

L-imputat wera nuqqas ta` *proper lookout* meta qasam karreggjata opposta sabiex jidhol go triq laterali minghajr ma ha l-prekawzjonijiet li kellhu jiehu u jara dak li kien *in plain view*. Dan hu sewqan fil-livell ta ` perikoluz u l-imputat hu hati taz-zewg imputazzjoniejut fil-konfront tieghu.

## Decide

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-kap 65 u art 226(1) (b) tal-Kap 9 u fil-L.S. 65.18Art 36(B) u fil-LS65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Joseph Buttigieg hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u tikkundannah komplessivament ghal multa ta' tlett elef euro (3000) skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien tlett (3) xhur u tmin (8) punti fuq il-licenzji tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**